

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2007/2253(INI)

6.5.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar il-konċentrazzjoni u l-pluraliżmu tal-mezzi ta' komunikazzjoni fl-Unjoni
Ewropea
(2007/2253(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Luis Herrero-Tejedor

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

- A. billi l-Parlament Ewropew ħafna drabi esprima l-fehma tiegħu li l-Kummissjoni għandha tistabilixxi qafas legali stabbli, kemm fil-midja u kemm fis-soċjetà ta' l-informazzjoni b'mod ġenerali, bil-għan li tiżgura livell ekwivalenti ta' ħarsien tal-pluraliżmu fl-Istati Membri u tagħti l-opportunità lill-operaturi sabiex jibbenefikaw mill-opportunitajiet maħluqa mis-suq waħdieni,
 - B. billi l-pluraliżmu tal-mezzi ta' komunikazzjoni huwa pilastru ewlieni tad-dritt tal-libertà ta' l-espressjoni u ta' l-informazzjoni, stipulat fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea,
 - C. billi, kif enfasizzat il-Kummissjoni fid-dokument ta' ħidma tagħha, il-kunċett tal-pluraliżmu tal-midja ma jistax jiġi limitat għall-kwistjoni tal-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-kumpaniji iżda għandu jinkludi wkoll kwistjonijiet marbuta mas-servizzi tax-xandir pubbliku, is-setgħa politika, il-kompetizzjoni fl-ekonomija, id-diversità kulturali, l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, it-trasparenza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ġurnalisti ta' l-Unjoni Ewropea,
 - D. billi, bħalma l-Parlament ilu javża sa mill-1995, il-varjazzjonijiet fil-liġi nazzjonali dwar il-konċentrazzjoni tal-midja jkollhom konsegwenzi negattivi għat-tħaddim tas-suq waħdieni, u jeħtieġ li dawn il-konsegwenzi jiġu eliminati permezz ta' direttiva għall-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali skond l-Artikolu 95 tat-Trattat KE,
 - E. billi, fil-prattika, l-awtoritajiet pubbliċi spiss ibagħhsu mal-prinċipju ewlieni li wieħed għandu d-dritt li jxandar u jirċievi informazzjoni b'mod liberu,
 - F. billi s-servizzi pubbliċi tax-xandir għandu jkollhom ir-riżorsi u l-istrumenti meħtieġa biex verament ikunu jistgħu jkunu indipendenti mill-pressjoni politika u mill-forzi tas-suq,
 - G. billi bħalissa s-servizzi pubbliċi tax-xandir jinsabu taħt pressjoni, b'mod mhux ġustifikat u li jxekkel il-kwalità tal-kontenut, biex jikkompetu għall-kwoti ma' l-istazzjonijiet kummerċjali, li l-għan aħħar tagħhom mhuwiex il-kwalità iżda s-sodisfazzjoni tal-parti l-kbira tal-pubbliku,
 - H. billi, sakemm ikunu obbligati b'mod ewlieni li jissodisfaw qabel kollox il-gosti tal-parti l-kbira ta' l-udjenja, is-servizzi pubbliċi tax-xandir se jinsew l-irwol sussidjarju tagħhom, se jinterferixxu fis-suq tar-reklamar u jikkompetu b'mod inġust ma' l-istazzjonijiet televiżivi kummerċjali,
1. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex timpenja ruħha favur il-promozzjoni ta' qafas legali stabbli b'livell għoli garantit ta' protezzjoni tal-pluraliżmu fl-Istati Membri kollha;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jikkonsolidaw qafas oġġettiv għall-

għoti ta' liċenzji tax-xandir fl-oqsma tal-TV bil-“cable” u bis-satellita u s-swieq tax-xandir analogu u diġitali, fuq bażi ta' kriterji trasparenti u ġusti, sabiex tistabbilixxi sistema ta' kompetizzjoni pluralista u tevita l-abbużi minn kumpaniji li jgawdu monopolji jew pożizzjonijiet dominanti;

3. Jistieden lill-Kummissjoni biex tqis il-kwistjonijiet li jinħolqu minħabba l-użu mhux etiku u l-użu kummerċjali ħażin tal-kontenut iġġenerat mill-utenti;
4. Jiddeplora l-fatt li d-Direttiva l-ġdida dwar is-servizzi tal-midja awdjoviżiva hija limitata għat-twaqqif ta' obbligu li l-Istati Membri jiżguraw l-indipendenza ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u ma toffrix definizzjoni aħjar ta' l-irwol ta' dawn l-awtoritajiet;
5. Ifakkar lill-Istati Membri li fid-deċiżjonijiet ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, dejjem għandu jiġi mfittex bilanċ bejn id-dmirijiet tagħhom u l-libertà ta' l-espressjoni, li l-ħarsien tagħha fl-aħħar mill-aħħar hija r-responsabilità tal-qrati;
6. Ifakkar lill-Kummissjoni li f'diversi okkażjonijiet ġiet mitluba ssawwar direttiva bil-għan li tiżgura l-pluraliżmu, tinkoraġġixxi u tippreserva d-diversità kulturali kif definita fil-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Ħarsien u l-Promozzjoni tad-Diversità ta' l-Espressjonijiet Kulturali, iffirmata f'Pariġi ta' l-20 ta' Ottubru 2005, kif ukoll ukoll biex jipproteġu l-aċċess għall-kumpaniji kollha tal-xandir għall-elementi tekniċi li jistgħu jagħmluha possibbli għalihom li jilhqnu l-pubbliku;
7. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw servizzi pubbliċi ta' xandir ta' kwalità għolja li jkunu jistgħu joffru alternattiva reali għall-programmi ta' l-istazzjonijiet kummerċjali u li, mingħajr ma neċessarjament ikollhom jikkompetu għall-kwoti jew għad-dħul mir-reklamar, igawdu pożizzjoni ta' profil aktar viżibbli fix-xena Ewropea bħala pilastru taż-żamma tal-pluraliżmu tal-mezzi ta' komunikazzjoni, tad-djalogu demokratiku u ta' l-aċċess għaċ-ċittadini kollha għal kontenut ta' kwalità;
8. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex jappoġġjaw koperazzjoni akbar bejn l-awtoritajiet regolatorji Ewropej u sabiex jintensifaw id-diskussjonijiet u l-iskambji ta' fehmiet formali u informali bejn l-awtoritajiet regolatorji fil-qasam tax-xandir;
9. Jirrakkomanda li, fejn ikun xieraq, is-servizzi pubbliċi tax-xandir fl-Istati Membri jirrifletti n-natura multikulturali tar-reġjuni.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	6.5.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 34 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alvaro, Philip Bradbourn, Mihael Brejc, Kathalijne Maria Buitenweg, Michael Cashman, Giusto Catania, Jean-Marie Cavada, Elly de Groen-Kouwenhoven, Panayiotis Demetriou, Gérard Deprez, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Armando França, Urszula Gacek, Kinga Gál, Roland Gewalt, Jeanine Hennis-Plasschaert, Lívia Járóka, Ewa Klamt, Magda Kósáné Kovács, Stavros Lambrinidis, Henrik Lax, Claude Moraes, Martine Roure, Inger Segelström, Vladimir Urutchev, Ioannis Varvitsiotis, Manfred Weber, Tatjana Ždanoka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Luis Herrero-Tejedor, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Marianne Mikko, Bill Newton Dunn, Nicolae Vlad Popa, Stefano Zappalà
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jas Gawronski